

Brussell, 28 ta' Novembru 2025
(OR. en)

16075/25

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0290 (COD)

CODEC 1949
MI 971
ENT 263
CONSOM 274
SAN 784
COMPET 1250
CHIMIE 141
ENV 1291
PE 98

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mill-24 sas-27 ta' Novembru 2025)

I. VOT

Fil-25 ta' Novembru 2025, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjarat li l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

¹ 9663/1/25 REV 1.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P10_TA(2025)0279

Is-sikurezza tal-ġugarelli u t-tħassir tad-Direttiva 2009/48/KE

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2025 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE (09663/1/2025 – C10-0251/2025 – 2023/0290(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (09663/1/2025 – C10-0251/2025),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2023¹,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari² dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)462),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-komitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Komitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A10-0227/2025),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi pubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni

¹ ĠU C C/2024/1577, 5.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1577/oj>.

² ĠU C C/2025/1032, 27.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/1032/oj>.

Ewropea;

5. Jagħti iStruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
6. Jagħti iStruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI FL-OKKAŻJONI TAL-ADOZZJONI TAR-
REGOLAMENT 2025/...⁺**

Il-Kummissjoni tevalwa regolarment u sistematikament l-okkorrenza ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-ġugarelli, filwaqt li tqis l-evidenza xjentifika disponibbli, bil-ħsieb li tadatta l-valuri ta' limitu jew il-kundizzjonijiet għall-preżenza ta' sustanzi jew taħlitiet kimiċi speċifiċi fil-ġugarelli f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament 2025/...⁺ dwar is-sikurezza tal-ġugarelli. Għal dak l-iskop, il-Kummissjoni se titlob opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar is-sikurezza tan-nitrożammini u tas-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli, fid-dawl tal-esponiment ġenerali, fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għall-istess skop, il-Kummissjoni se titlob opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar is-sikurezza taċ-ċomb, tal-kadmju, tal-merkurju u tal-kromu VI fil-ġugarelli, fid-dawl tal-esponiment ġenerali, fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tas-serje tar-Regolament adottat skont il-proċedura COD 2023/290.